**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. DONATELLA M. FRENDO DIMECH LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Kumpilazzjoni Nru. 237/2015**

**Illum, 10 ta' Marzu, 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**-vs-**

**Ivan Galea detentur tal-karta tal-identita bin-numru 500774(M).**

Billi inti akkuzat

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-imputat Ivan Galea -

1. Talli nhar talli fl-4 ta' April 2013 bejn 07:30 u 13:45hrs ikkommetta serq ta' stereo minn gewwa vettura bin-numru tar-registrazzjoni EBD327 tal-ghamla Renault Clio li kinet tinsab ipparkjata fi Triq Frangisk Saver Fenech Floriana ghad-detriment ta' Yvette Micallef u/jew persuna/i ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa u dan ai termini tal-artikoli 261(b)(g), 263(a), 271(g) u 278(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. U aktar talli sar ricediv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jinbidlu ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat irregistra ammissjoni u wara li l-Qorti tatu zmien biex jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu kkonferma l-istess ammissjoni.

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant dawn gew sodisfjacentement ippruvati.

Illi inkwantu ghall-piena, din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz, w il-fedina penali tieghu li ma hi felici assolutament xejn.

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 49, 50, 261(b)(g), 263(a), 271(g), 278(2) u 289 tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant tikkundannah ghal tnax (12) il-xahar prigunerija.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**